MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-25 ta' Lulju, 2003

Numru. 278/2001

Il-Pulizija
(Spettur John Sacco)
(Spettur Mario Bonello)
vs
Jeremy James Farrugia

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Jeremy James Farrugia, imwieled Pieta u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 558384(M); li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fiz-zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizuluzzjoni wahda u cioe :

Talli matul il-lejl ta' bejn it-12 u 13 ta' April 2000 gewwa B'Kara ikkommetta serq ta' flus u oggetti li l-valur taghhom huwa ta' aktar minn LM100 izda anqas minn LM1000 mill-Florentine Stationary ta' Fleur De Lys, B'Kara liema serq

huwa aggravat bil-mezz, valur, lok u hin ghad-detriment ta’ Emanuel Gauci;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara teccedi l-LM10 imma inqas minn LM500;

U aktar talli matul il-lejl ta’ bejn is-7 u 8 ta’ Gunju 2000 gewwa B’Kara ikkommetta serq ta’ flus u oggetti ohra li l-valur taghhom jeccedi l-mitt lira Maltin (LM100) mill-Kunvent Terezjan, B’Kara, liema serq huwa aggravat bil-mezz, valur, lok u bil-hin ghad-dannu tas-Santwarju ta’ Santa Tereza gewwa B’Kara u entitajiet jew persuni ohra;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli, liema hsara teccedi il-hames mitt lira Maltin (LM500);

U aktar talli matul il-lejl ta’ bejn il-11 u 12 ta’ Lulju, 2000 gewwa B’Kara ikkommetta serq ta’ flus u cekkijiet li l-valur taghhom huwa ta’ aktar minn elf lira Maltin (LM1000) minn Gauci Stores, B’Kara, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur, lok u hin ghad-detriment ta’ Albert Gauci mil-Iklin;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u liema hsara ma teccediex l-ghaxar Liri Maltin (LM10);

U aktar talli matul il-lejl ta’ bejn it-28 u 29 ta’ Lulju, 2000 gewwa B’Kara ikkommetta serq ta’ flus u oggetti ohra ghall-valur li jeccedi l-mitt lira Maltin (LM100) minn Springfield Stationary, B’Kara liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u bil-hin ghad-detriment ta’ Gordon Sciberras minn B’Kara;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjment hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma

teccediex is-somma ta’ hamsin lira Maltin (LM50), imma teccedi l-ghaxar liri Maltin (LM10);

U aktar talli matul il-lejl ta’ bejn it-28 u 29 ta’ Lulju, 2000 gewwa B’Kara bil-hsieb li jaghmel delitt ghamel delitt ta’ serq ikkwalifikat bil-mezz u bil-valur ghad-detriment ta’ Victor Zammit wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt billi kisser hgiega tal-vetrina tal-Ispizzerija Fleur De Lys, ta’ B’Kara, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta tieghu;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjement hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli liema hsara ma tiskorriex il-hames mitt Lira Maltin (LM500) imma hija aktar minn hamsin lira Maltin (LM50);

U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet, hinijiet u cirkostanzi imsemmija hawn fuq u fil-granet ta’ wara xjentement laqa ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

U aktar talli sar recediv b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 24 ta’ Novembru 1999 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

U ukoll talli kiser il-provedimenti tal-Artikolu 5 tal-Kap. 152 tal-Ligijiet ta’ Malta liema sentenza inghatat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-28 ta’ Lulju, 1999 fejn kien gie misjub hati ta’ reat u tpogga taht is-supervizzjoni ta’ Probation Officer ghal sentejn;

Il-Qorti giet li minbarra li tapplika il-piena skond il-ligi tordna lill-imsemmi Jeremy Farrugia ihallas l-ispejjez peritali u dan ghat-tenur tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tal-11 ta’ Frar, 2002 li permezz taghha deherlu li tista tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub :

(a) fl-Artikoli 18, 261(b)(c)(e)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 269, 270, 278, 330, 279(1), 279(2), 280, 281, 41(1), 41(9), 325, 334, 289, 49, 50, 31, 20, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali;
(b) fl-Artikoli 5, 9, 10 u 12 tal-Kap. 152 u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda kollha li gew prodotti;

Rat il-provi li tressqu, d-dokumenti esebiti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat illi minkejja l-fatt illi fit-8 ta’ Marzu, 2002 il-kawza thalliet ghall-provi tad-difiza, d-difiza baqghet ma ghamlet xejn sa kemm finalment u precizament fis-seduta tat-22 ta’ Jannar, 2003 il-Qorti ma kellha l-ebda alternattiva hlief li thalli l-kawza ghas-sentenza fuq il-provi tal-prosekuzzjoni;

Ikkunsidrat :

Illi l-pulizija esebew tlett stqarrijiet tal-imputat illi gew rilaxxjati mill-istess imputat wara illi inghata dejjem is-solita twissija. Permezz ta’ dawn it-tlett stqarrijiet l-imputat ammetta l-involviment tieghu fir-reati kollha imsemmija fl-imputazzjoni, jigifieri ammetta s-serq minn Florentine Stationery ta’ B’Kara, kif ukoll il-hsara volontarja fl-imsemmi post, ammetta s-serq mill-kunvent Terezjan B’Kara u l-hsara volontarja konnessa ma dan il-post, ammetta s-serq minn Gauci Stores B’Kara u l-hsara volontarja kommessa minnu matul din is-serqa, is-serq minn Springfield Stationery B’Kara u l-hsara volontarja kommessa f’dik is-serqa u ammetta ukoll l-attentat ta’ serq mill-ispizerija Fleur De Lys B’Kara, liema serq ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu, kif ukoll il-hsara volontarja kommessa minnu matul dik l-attentat ta’ serqa.

Illi b'hekk jirrizulta illi bejn perjodu relattivament qasir, jigifieri minn nofs April sal-ahhar ta' Lulju tas-sena 2000 l-imputat ammetta l-involviment tieghu f'hames serqiet. Fl-istess stqarrijiet tieghu l-imputat mistoqsi jekk kienx jikkommetti serq sabiex jixtri droga qal illi dan ma kienx minnu. Mistoqsi ghalhekk ghalfejn ikkommetta dawn is-serqiet kollha huwa qal, "Naghmel li irrid, naghmel li irrid, naghmel li iffettilli". Huwa qal ukoll fl-istqarrijiet tieghu illi huwa ma ghandux xoghol, kien jahdem fit-triq, pero' dak ix-xoghol ma ghogbux u ghalhekk ikollu bzonn il-flus u jinfexx fis-serq.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija il-Qorti tiddikjara illi l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-hames imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi. Illi dwar is-sitt imputazzjoni, dik ta' ricettazzjoni l-Qorti qeghda tillibera lill-imputat minn din l-imputazzjoni peress illi, una volta jirrizulta s-serq dan ir-reat minnu innifsu jeskludi r-reat ta' ricettazzjoni.

Il-Qorti tiddikjara wkoll illi l-Prosekuzzjoni naqset milli tesebixxi s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-28 ta' Lulju, 1999 u wisq anqas milli tressaq il-prova tal-identita fir-rigward ta' din is-sentenza u b'hekk il-Qorti qeghda tillibera lill-imputat mill-akkuza illi kiser il-provvediment tal-Artikolu 5 tal-Kap. 152, liema sentenza inghatat mill-Qorti tal-Magistrati fit-28 ta' Lulju 1999.

Finalment il-Qorti tiddikjara ukoll illi b'konsegwenza ta' dan il-Prosekuzzjoni ma irnexxielhiex tipprova li l-imputat huwa recediv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 24 ta' Novembru, 1999 peress illi l-Prosekuzzjoni naqset ukoll milli tipproduci din is-sentenza.

Ghalhekk wara illi l-Qorti rat l-Artikoli kollha imsemmija mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu tal-11 ta' Frar, 2002, kif ukoll l-Artikoli 17 u 37 tal-Kap. 9 tiddikjara lill-imputat fuq imsemmi hati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba u l-hames imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, filwaqt illi

tilliberah mis-sitt, mis-seba' u mit-tmien imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi ghal dak illi jirrigwarda l-piena l-Qorti qieset il-fatt illi l-imputat ma wera l-ebda rimors ghal dak illi kien ghamel, ma ipprova jikkumpensa bl-ebda mod lid-derubati u lanqas ma wera xi xewqa genwina li jirriforma hajtu u jaqbad it-triq it-tajba. Madanakollu l-Qorti trid tqis il-fatt illi l-imputat kien minorrenni meta ikkommetta r-reati in kwistjoni u ghaldaqstant tenut kont tac-cirkostanzi kollha illi japplikaw ghal dan il-kaz, il-Qorti qeghda tikkundanna lill-imputat fuq imsemmi misjub hati kif diga intqal ghall-prigunerija ta' tlett snin.

Il-Qorti rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 u tikkundanna lill-hati sabiex fi zmien xahar millum ihallas l-ispejjez kollha li kellhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti f'dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------